**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 31 ta` Jannar 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Paula Ciantar)**

**Vs**

**OMMISSIS A**

**Kump Nru. 899/2003**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Ommisssis A,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 559379(M), gie akkuzat talli f'Wied il-Ghajn, jew/u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fis-7 ta' Settembru 2003;

1) B'eghmil zieni, ikkorrompejt lill-persuna taht l-eta' u cioe' lil Ommisssis B, minorenni ta' sittax (16)-il sena u dan bi ksur tal-Artikolu 203 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2) Offendejt il-pudur jew il-morali, b'ghemil zieni li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tat-22 ta` Jannar 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara folio 15);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi dan il-process, bhal hafna ohrajn, kien gie distrutt minhabba nirien li kienu hakmu l-awla fejn kien qed jinzamm lura fis-sena 2004. Il-Qorti, diversament preseduta, kienet allura ordnat li l-process jigi rikostruwit. Din il-Qorti trid necessarjament toqghod fuq ir-rizultanzi processwali wara tali rikostruzzjoni tal-process. In oltre, dan il-process kif rikostruwit, kien gie ghand din il-Qorti kif issa hija preseduta in segwitu ghall-assenjazzjoni ufficcjali li saret f'Awwissu 2013 wara li l-Magistrat sedenti kien gie elevat ghal Imhallef;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti processwali a dispozizzjoni taghha konsistenti principalment fid-depozizzjonijiet tax-xhieda tal-Assistent Kummissarju Michael Cassar (a folio 21), tal-allegata vittma Ommisssis B (a folio 26 sa folio 57), tal-Ispettur Sharon Tanti (a folio 58), tal-Ispettur Alfred Mallia (a folio 69), ta' Ommisssis C (a folio 72 – omm l-allegata vittma), ta' Ommissis D (a folio 81 – missier l-allegata vittma), ta' Dr. Yana Micallef Stafrace (a folio 92) u ta' Dr. Yves Muscat Baron (a folio 100); kif ukoll ir-relazzjoni tal-espert nominata fl-inkjesta Dr. Yana Micallef Stafrace li tinsab a folio 133 sa 141.

Mhux l-istil ta' din il-Qorti li toqghod tirriproduci dak kollu li jkun irrizulta fil-process - wara kollox dak li jirrizulta jkun effettivament fil-process.

Li ser taghmel din il-Qorti hu li se tmur mill-ewwel ghall-punt jew punti li ghandhom jigu indirizzati fid-dawl taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat

**Ikkunsidrat;**

Illi irrizulta a sodisfazzjoni ta' din il-Qorti u tal-ligi penali u ta' procedura penali illi fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Settembru 2003, l-imputat (li dak in-nhar kellu 24 sena) ghadda sal-pjazza ta' Haz-Zabbar peress illi kien hemm il-festa u dana wara li kien wassal lill-gharusa tieghu d-dar. Hemmhekk huwa ra lil Ommisssis B. Huwa kien jafha ftit peress illi kien jaf lill-ohtha u peress illi xi xhur qabel hija ghamlet zmien qasir tahdem fil-fabbrika fejn kien jahdem hu. Qabdu jitkellmu u hadu xi drinks. Mal-hin jidher li bdiet diehla xi ftit tal-kunfidenza, specjalment minn naha ta' Ommisssis B, li dakinhar kien ghad kellha 16-il sena. Dan kollu wassal sabiex it-tnejn irhewlha ghall-vettura tal-imputat u dan saq lejn Wied il-Ghajn f'lok xi

ftit imwarrab, naturalment ghan-namur. Jirrizultha ppruvat illi l-protagonisti kellhom x'jaqsmu ma' xulxin sesswalment, apparti naturalment kunfidenzi ohra li sehhew benjiethom, ilkoll fil-vettura tal-imputat. Ir-rizultanzi processwali jindikaw li dak li sehh bejn l-imputat u Ommisssis B, sehh b'mod konsenswali. Din il-Qorti m'ghandhiex dubbju dwar dan. L-istqarrija tal-imputat (ara folio 16 sa 18) u l-kwalita tal-verzjonijiet diversi moghtija mill-istess Ommisssis B, jindikaw propju dan - cioe li kollox sehh konsenswalment.

Meta mbaghad sar il-hin - kienu saru xi 3:30am – l-imputat deher inkwetat li Ommisssis B setghet damet barra u li l-genituri taghha kienu ser jirrabjaw maghha. Allura telqu minn fuq il-post u wassalha d-dar.

**Ikkunsidrat;**

Illi mal-wasla taghha d-dar, kien jidher ovvju li l-genituri ta' Ommisssis B kienu jidhru inkwetati u rrabjati. Wara li raqdet ftit, filghodu tas-7 ta' Settembru 2003 ghall-habta tas-7:00am, Ommisssis B tkellmet ma' missierha u minn hemm marru l-ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar fejn informaw lill-pulizija b'dak li allegatament kien gara. Minhabba l-verzjoni li kienet bdiet biha originarjament Ommisssis B, il-pulizija bdiet tinvestiga allegat kaz ta' stupru. **Tkompliet l-investigazzjoni u mal-hin gara illi Ommisssis B qalet kliem tali li ma jistax jigi interpretat mod iehor hlief li dak li kien gara fil-lejl precedenti bejnha u l-imputat kien sehh b'mod konsenswali**.

**Ikkunsidrat;**

Illi kien ghalhekk li l-pulizija mexxew kontra l-imputat ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, apparti ghar-reat ta' offiza ghall-pudur u l-morali b'atti li saru fil-pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku. La darba ma kienx qed jirrizulta l-istupru, l-azzjoni tal-pulizija kienet wahda korretta.

Madankollu, ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni u cioe` dik li titratta r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, jirrizulta fatt importatni fl-atti li hu ta' importanza u relevanza sostanzjali. Apparti l-fatt mhux kontradett illi Ommisssis B kienet tfajla ta' 16-il sena, hija kienet stqarret b'mod car u volontarju illi qabel din l-esperjenza li kellha fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Settembru 2003, hi kien gia kellha esperjenzi ohra ta' namur ma' rgiel ohra u esperjenza wahda ohra ta' att sesswali *(intercourse*) ma' *ex boyfriend* taghha.

Dawn huma rizultanzi processwali ta' piz sostanzjali. U din il-Qorti hi tal-fehma - wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, principalment l-eta` ta' Ommisssis B (16-il sena) u l-

attivita sesswali taghha, precedenti ghall-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Settembru 2003 - li mehud kollox flimkien, ma jikkonkorrux flimkien provi bizzejjed sabiex l-imputat jista jinstab hati ta' korruzzjoni ta' minorenni skond l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

**Ikkunsidrat;**

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, ftit hemm x'jinghad. Dak li sehh bejn il-protagonisti fil-lejl imsemmi, sehh fil-vettura tal-imputat, fi triq li ghalkemm imwarrba, hija pubblika u certament accesibbli ghall-pubbliku. Biex sehh l-att sesswali, certament illi l-parti privata tal-imputat kienet, anke jekk ghal ftit hin, esposta u zgur mhux maqfulha fil-jeans li allegatament kien liebes.

Madankollu, imkien fl-atti ma tirrizulta xi prova li Ommisssis B jew xi persuna ohra estranea kellha l-pudur taghha offiz, jew xi prova li twassal ghall-offiza tal-morali pubblika.

Mhux bizzejjed ghall-finijiet tal-ligi penali li l-parir generali u ta` kulhadd hu li dawn l-affarijiet intimi m'ghandhomx isiru fil-karozza f'post pubbliku.

Kull kaz ghandu l-fatti specie partikolari tieghu. U f'dan il-kaz, il-fatti rizultanti ma humiex bizzejjed sabiex iwasslu ghas-sejbien tal-htija.

**KONKLUZJONI;**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL OMMISSSIS A MHUX HATI TAL-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur